MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2013

Mandat Numru. 640/2013/1

Joseph u Camilleri konjugi Camilleri
vs
Adrian u Desiree konjugi Farrugia

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rikors tar-rikorrenti rikorrenti li bih esponew:

Illi permezz ta’ sentenza moghtija fl-14 ta’ Dicembru, 2012 minn dina l-Qorti fl-ismijiet “**Joseph u Carmen konjugi Camilleri vs Adrian u Desiree konjugi Farrugia**” (Rikors Mahluf Numru 1283/11AE), gew michuda l-eccezzjonijiet ta’ l-intimati ezekutati fir-rigward tat-tlett itwieqi numerati 1 u 2 fir-ritratt “Dok R2” u numru 3 fir-ritratt “Dok R4”, u ntlaqghu t-talbiet tar-rikorrenti, u b’hekk l-intimati ezekutati gew ikkundannati sabiex fi zmien 40 jum mid-data tas-sentenza jaghlqu l-imsemmija twieqi ghas-spejjez taghhom, u fin-nuqqas awtorizzat li x-xoghol isir mir-rikorrenti ghas-spejjez tal-konvenuti. It-talbiet tar-rikorrenti ezekutanti gew michuda fir-rigward tal-bqija tal-mertu tal-

kawza. Minn din is-sentenza, li kopja informali giet annessa mar-rikors u mmarkata bhala “Dokument A”, ma sarx appell.

Illi permezz ta’ rikors imressaq fi-21 ta’ Dicembru, 2012, ir-rikorrenti talbu lil dina l-Qorti joghgobha, wara li tordna li l-partijiet jitharrku mill-gdid u okkorrendo jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom, tiddeciedi dwar it-talba tar-rikorrenti dedotta fir-rikors mahluf taghhom ghall-hatra ta’ perit tekniku sabiex jissorvelja t-twettiq tax-xogholijiet ordnati u awtorizzati fis-sentenza moghtija, suriferita.

Illi b’digriet tas-7 ta’ Jannar 2013, dina l-Qorti pprovdiet fuq ir-rikors imressaq mir-rikorrenti fil-21 ta’ Dicembru, 2012 billi ccarat li fis-sentenza ma nghatax provvediment dwar in-nomina ta’ perit tekniku peress li l-Qorti hi tal-fehma li m’hemmx htiega li jinhatar perit tekniku f’dan l-istadju galadarba kull ma jrid isir hu li jinghalqu tlett itwieqi. Fl-istess digriet intqal ukoll li, *“Fil-fehma tal-qorti sakemm ma jkunx verament essenzjali m’hemmx htiega li jsiru spejjez zejda bin-nomina ta’ perit tekniku. Kien proprju ghalhekk li fis-sentenza ma nghatax provvediment dwar dik il-parti tat-tielet talba”*. Kopja informali tar-rikors u tad-digriet in kwistjoni gew annessi mar-rikors bhala “Dokument B”.

Illi r-rikorrenti spjegaw illi d-dokument “A” u “B”, suriferiti, qed jigu prezentati bhala kopji nformali u mhux legali billi l-process tal-kawza sallum ma jistax jinstab, u ghalhekk ma kienx possibbli li jsiru kopji legali minnu.

Illi l-intimati ezekutati kienu wkoll talbu u ottenew proroga fiz-zmien koncess lilhom biex jezegwixxu dak ordnat fis-sentenza msemmija, liema proroga llum ukoll iddekorriet.

Illi l-intimati ezekutati naqsu milli jottemporaw ruhhom mal-ordni mpost fuqhom fis-sentenza suriferita, u dan in kwantu l-istess intimati ghalqu biss parzjalment it-twieqi in kwistjoni. Dan l-gheluq parzjali tat-twieqi in kwistjoni lanqas ma sar skont is-sengha u l-arti, u kellu anke bhala konsegwenza tieghu l-invazjoni ta’ l-arja tar-rikorrenti.

Dan kollu jidher mir-ritratti ezebiti mar-rikors u mmarkati bhala “Dokument C1” u “Dokument C2”.

Illi l-ordni mpost fuq l-intimati huwa sabiex it-twieqi jinghalqu, u dan minghajr ebda kwalifika jew riserva. Huwa biss logiku li dawn it-twieqi jridu jinghalqu kompletament. Huwa tant iehor logiku li dawn it-twieqi jridu jinghalqu skont is-sengha u l-arti, u minghajr ma tigi kostitwita lezjoni ulterjuri tad-drittijiet petitorji tar-rikorrenti, u dan tant sabiex jigu evitati litigji ulterjuri bejn il-kontendenti.

Illi l-intimati iggustifikaw il-modalita` ta’ l-ottemporanza parjzali taghhom bir-raguni li l-bini fil-livell tat-twieqi mertu ta’ dan ir-rikors jehtieg li jigi ventilat. Din il-konsiderazzjoni kellha ssir mill-Qorti li dderimiet il-kawza, u galadarba l-intimati ma kienux jaqblu mal-ordni kif impost fuqhom, kellhom id-dritt li jappellaw. Ma jistghux issa l-istess intimati jaharbu milli jwettqu dak ordnat lilhom b’gustifikazzjonijiet li *se mai* setghu biss jigu kunsidrati fis-sentenza nnifisha.

Illi l-intimati baqghu jinsistu fil-qaghda taghhom minkejja li gew interpellati diversi drabi biex jottemporaw ruhhom b’mod shih mas-sentenza li *ormai* hija wahda definittiva.

Illi r-rikorrenti m’ghandhom l-ebda mod disponibbli ghalihom sabiex jezegwixxu din is-sentenza ghajr permezz ta’ mandat *in factum*.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbu lill-Qorti joghgobha tordna l-hrug ta’ l-opportun mandat *in factum* kontra l-intimati ezekutati sabiex l-istess intimati jigu mehuda l-habs u jibqghu hemm mizmumin sakemm l-istess sentenza tigi onorata fis-shih, u dan kollu prevja kull provvediment iehor, inkluz dawk kontemplati mill-Artikolu 385 *et sequitur* tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, li dina l-Qorti jkun joghgobha timponi skont ic-cirkostanzi.

Rat id-dokumenti prezentati (fosthom is-sentenza ta’ din il-Qorti presjeduta mill-Imhallef Ellul ta’ l-14 ta’ Dicembru, 2012 fl-istess ismijiet) mir-rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta’ l-intimati li biha esponew:

Illi f’rikors tad-disgha u ghoxrin (29) ta’ April, 2013, ir-rikorrenti talbu l-hrug ta’ mandat “*in factum*” kontra l-intimati fejn, wara li ghamlu referenza ghas-sentenza ta’ din il-Qorti moghtija fl-erbatax (14) ta’ Dicembru, 2012 fl-ismijiet “**Joseph u Carmen konjugi Camilleri vs Adrian u Desiree konjugi Farrugia**” [Rikors Nru 1283/201 AE] talbu lil dina l-Qorti sabiex l-istess intimati:

[...] jigu mehuda l-habs u jibqghu hemm mizmumin sakemm l-istess sentenza tigi onorata fis-shih.

Illi din it-talba saret wara li r-rikorrenti allegaw, fl-istess rikors tad-disgha u ghoxrin (29) ta’ April, 2013; “Illi l-intimati ezekutati naqsu milli jottemperaw ruhhom ma’ l-ordni mpost fuqhom fis-sentenza suriferita, u dan in kwantu l-istess intimati ghalqu biss parzjalment it-twieqi in kwistjoni.*”*

Illi qabel xejn, u proceduralment, m’huwiex car jekk ir-rikorrenti ottemporawx ruhhom mad-dicitura tal-ligi, specifikatament, l-Artikolu 387 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili [Kapitolu 12, Ligijiet ta’ Malta] rigward il-kundizzjonijiet sabiex isir mandat *“in factum”*, specifikament illi trid tigi depozitata “mal-kalzrier” somma li tmantni lill-intimati ghal erbat ijiem.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-intimati jiddikjaraw illi huma jaqblu mal-fatti dikjarati mir-rikorrenti fl-ewwel hames (5) paragrafi tar-rikors taghhom izda mhux fil-kumplament.

Illi fil-fatt, is-sentenza ta’ din il-Qorti ta’ l-erbatax (14) ta’ Dicembru, 2012 fl-ismijiet “**Joseph u Carmen konjugi Camilleri vs Adrian u Desiree konjugi Farrugia***”* [Rikors Nru. 1283/2011AE] ordnat l-gheluq tat-tlett itwieqi numerati 1 u 2 fir-ritratt “Dok R2” u numru 3 fir-ritratt “Dok R4” liema ritratti jifformaw parti mill-atti ta’ l-istess sentenza.

Illi l-intimati jichdu pero` li huma naqsu li jottemperaw ruhhom mas-sentenza.

Illi kuntrarjament ghal dak li qed jistqarru r-rikorrenti, l-intimati ghalqu l-istess twieqi b'mod sigur, irriversabbli, skont is-sengha u l-arti bil-gebel kif jixhdu r-ritratti annessi mar-rikors ghal-hrug tal-mandat *"in factum*" prezentat mir-rikorrenti. Dan ix-xoghol sar fit-terminu mpost minn dina l-Qorti kif prorogat fuq talba ta' l-intimati li ma setghux isibu haddiema sabiex jaghmlu l-istess xoghol b'mod immedjat minhabba l-festi tal-Milied. L-istess xoghol gie wkoll imfixkel min-nuqqas kontinwu ta' koperazzjoni da parti tar-rikorrenti.

Illi l-intimati tassew hallew xi xquq fl-istess gebel sabiex jiffacilitaw il-ventilazzjoni u dan wara li accertaw ruhhom li l-istess xquq ma kienu jippermettu ebda tip ta' introspezzjoni/prospett fuq il-proprjeta` tar-rikorrenti u kienu jammontaw biss ghall-rewwiehat li, kif tghallem il-gurisprudenza nostrana, huma suggetti ghat-tolleranza tal-fond sottostanti u l-gheluq taghhom jista' jintalab minghajr kumplikazzjonijiet.

Illi immedjatament malli r-rikorrenti ghamlu maghrufa l-oggezzjoni taghhom ghall-istess rewwiehat l-intimati hadu hsieb ghalqu l-istess b'mod komplet, irriversabbli, u skond is-sengha u l-arti u dan, minghajr ebda tlaqliq u/jew oggezzjoni, kif jixhdu d-dokumenti [ricevuta u ritratti] annessi mar-risposta bhala "Dok A" u "Dok B".

Illi dan l-istess xoghol ta' gheluq tar-rewwiehat gie komunikat lill-avukat difensur tar-rikorrenti permezz ta' *email* datata s-sitta (6) ta' Mejju, 2013 mibghuta mill-avukat difensur ta' l-intimati kif jixhed id-dokument [*email*] anness mar-risposta bhala "Dok C". Din l-*email* intbghatet qabel ma l-intimati gew notifikati u/jew ma gew a konoxxjenza tal-fatt li r-rikorrenti intavolaw l-odjerni proceduri.

Illi madanakollu, r-rikorrenti ma rtirawx il-mandat *"in factum"* illi kienu lahqu prezentaw qabel giet lilhom

komunikata l-informazzjoni rigward ix-xoghol ta’ l-gheluq tar-rewwiehat permezz ta’ l-*email* annessa mar-risposta bhala “Dok C”.

Illi fil-fatt, ebda ftuh fl-ebda forma m’ghadu jezisti fis-sular ta’ kostruzzjoni tal-intimati mertu tas-sentenza ta’ l-erbatax (14) ta’ Dicembru, 2012 fl-ismijiet *“***Joseph u Carmen konjugi Camilleri vs Adrian u Desiree konjugi Farrugia***”* [Rikors Nru. 1283/2011AE] u ta’ din il-vertenza u dan, kif jixhdu r-ritratti ezebiti mar-risposta bhala “Dok B”.

Ghaldaqstant, l-intimati esponew li din il-Qorti ghandha tichad il-mandat *“in factum”* intavolat mir-rikorrenti bhala wiehed infondat fil-fatt u fid-dritt, frivolu u vessatorju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat id-dokumenti prezentati mill-intimati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat li fil-31 ta’ Mejju, 2013 l-Qorti semghet lill-konsulenti l egali dwar id-diversi aspetti involuti, u li l-intimati kienu disposti jaghmlu xi xogholijiet ulterjuri.

Rat li fis-seduta ta’ l-14 ta’ Gunju, 2013, gie nominat il-Perit Mario Cassar.

Rat ir-rapport tal-Perit Mario Cassar li fih issemma:
“Illi skont is-sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta, ref. Cit. AE1283/11, l-istess Qorti ddecidiet illi:
Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza illi:-

1. Tichad l-eccezzjonijiet fir-rigward tat-tlett itwieqi numerati 1 u 2 fir-ritratt Dok. R2 u numru 3 fir-ritratt Dok. R4, u tilqa’ t-talbiet tal-atturi. Ghalhekk tikkundanna lill-

konvenuti sabiex fi zmien erbghin (40) jum mil-lum jaghlqu dawn it-twieqi ghas-spejjez taghhom. Fin-nuqqas tawtorizza li x-xoghol isir mill-atturi ghas-spejjez tal-konvenuti.

2. Ghar-ragunijiet fuq moghtija tichad it-talbiet tal-atturi in kwantu dawn jirreferu:-

(a) Ghal bieb li sar fuq il-faccata tat-tielet sular tal-fond tal-atturi.

(b) Ghat-tieqa li tidher fir-ritratt Dok. R4 u li taghti ghal fuq il-bitha, u cjoe` dik indikata bi vlegga kulur ahdar.

Osservazzjonijiet

A. Illi fil-livell tat-tieni sular fejn kien hemm erbgha twieqi tal-konvenuti jaghtu ghal fuq il-bitha nterna tal-atturi;

a) Tlieta minn dawn it-twieqi inghalqu mill-konvenuti, skont is-sentenza tal-istess Qorti **Dok. MC1)/1/2**.

b) Dawn inaghlqu billi gew imblukkati b'hitan tal-gebel tas-6 pulzieri u miksija bil-frakass u mbajjda **Dok. MC1)/3**.

c) L-esponent jikkonferma li x-xogholijiet huma skont is-sengha u l-arti, u fl-ispiertu tas-sentenza fic-Cit. 1283/11."

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta Rikors Nru. 1283/11AE fejn il-konvenuti gew ikkundannati jaghlqu t-twieqi.

Rat li pero` ghalkemm kien sar xi xoghol mill-intimati, dawn ix-xogholijiet ma kienux saru kif suppost inkluz meta din il-Qorti kif presjeduta tathom zmien jaghmlu.

Rat li l-Perit Cassar kemm fir-rapport tieghu kif ukoll quddiem il-Qorti fid-9 ta' Lulju, 2013 ikkonferma li f'dan l-

istadju x-xoghol sar skond is-sengha u l-arti u ma hemm ebda mod ta' introspezzjoni.

## E. KONKLUZJONIJIET:

Illi ghalhekk ghalkemm irrizulta li l-intimati ma kienux imxew skond id-direttivi tas-sentenza ta' l-14 ta' Dicembru, 2012 u baqghu inadempjenti anke fil-bidu tal-kors tal-proceduri odjerni, izda li f'dan l-istadju x-xoghol qieghed skond is-sengha u l-arti u ma hemmx introspezzjoni. Ma hemmx bzonn aktar ghall-hrug tal-mandat *in factum*, u f'dan is-sens tichad it-talba.

Izda minhabba kif graw l-affarijiet spejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------